# Olympus

Olympus. Logħba bl-aktar teknoloġija avvanzata fejn stajna nidħlu f'dinja virtwali bilkemm tingħaraf minn dik reali u nkunu min irridu. Konna ilna nisimgħu b'din il-logħba. Saħansitra rreklamawha fuq iċ-ċrieki li jdawru l-pjaneta tagħna Sefirot, bir-riklami jixgħelu fis-sema bil-lejl.

Mat-tokki tal-qniepen, hekk kif niżlet it-tielet xemx, ilbist l-elmu li bagħtulna d-dar. Rajt figura liebsa l-abjad fir-rokna tal-kamra. Tbissmitli xħin ratni nħares lejha u qaltli,

"Tibżax, jisimni Tyche. Ejja miegħi, se niltaqgħu ma' sħabek fil-pjazza. Aħna u sejrin tista' taħseb fuq l-avatar li se tagħżel. Tista' tagħżel li trid, tkun xi trid. Hawnhekk ħadd m'għandu jiġġudikak."

Ħaditli idi u ħriġna mid-dar. Fit-triq qagħdet tispjegali kif din id-dinja virtwali ssejset fuq id-dinja tagħna. Stajna nagħmlu li rridu. Madanakollu, l-azzjonijiet tagħna kellhom konsegwenzi kemm pożittivi kif ukoll negattivi fuq l-avatar tagħna kif sirna nafu wara.

Kif bsart, Theo għażel li jkun robot militari. Keres għażlet li tkun atleta fl-aqwa tagħha. Jien għażilt li nkun dragun. Oħrajn għażlu karattri minn stejjer u films.

Waqt li Keres bdiet tgħin lil dawk li bdew jaqgħu lura, Theo kellu għajnejh fuq ir-riżorsi li kont ġemmajt. Sar robot aktar b'saħħtu u jien qgħadt fir-rokna, dragun għassa fuq it-teżor tiegħu.

Bdejna niġġieldu, Theo jipprova jisraqli t-teżor u jien nitfgħu lura. Il-ġlied tagħna ħoloq diżarmonija u l-oħrajn bdew jaħarbu 'l bogħod minna. Minn armonija spiċċajna f'kaos. Tyche biss baqgħet hemm, tħares lejna bi tbissima.

Bdejt ngħejja. Id-daqqiet tiegħi ma bediex ikollhom l-istess effett fuq l-armatura ta' Theo. Ir-robot ukoll beda jimxi aktar bil-mod, id-daqqiet tiegħu anqas b'saħħithom. L-aħmar tad-dragun beda jiċċara filwaqt li r-robot beda jsaddad. Bqajna sejrin hekk sakemm ma flaħniex niċċaqalqu.

Tyche ġiet ħdejna u poġġiet mal-art.

"Theo, inti ma mxejtx sew ma' sħabek u ridt tkun tirann akkost ta' kollox. U inti," qalet kif ħarset lejja, "ma ridtx taqsam ir-riżorsi li kellek ma' min kellu bżonn. Tiftakru x'għedtilkom fil-bidu? Bħalma jiġri fid-dinja reali, anke hawn f'Olympus, dak kollu li tagħmlu se jġorr il-konsegwenzi. Minħabba l-azzjonijiet tagħha, Keres qiegħda l-ewwel fil-klassifika. Intom it-tnejn qegħdin l-aħħar nett."

Dak il-ħin bdejna nifhmu l-lezzjoni tal-logħba. Theo ħares lejja u mejjel rasu u skuża ruħu. Jien għentu jqum bil-wieqfa u minn dakinhar 'il quddiem wegħidna lilna nfusna li nimxu aħjar mal-oħrajn.